KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

**Minuti tal-21 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2020 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29 Triq il-Parroċċa, l-Imqabba**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |
| Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

21.01 **Talba**

21.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

21.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

21.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

21.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa nru 20**

21.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 20 gew approvati unanimament peress li kienu ntbgħatu lill-Kunsillieri mal-Aġenda. Is-Sindku ippropona u l-Kunsillier Zaffarese issekonda.

21.04 **Punti mill-Minuti**

21.04.01 Rigward *item* 20.06.01, is-S.E. informa li ried jikkonferma jekk it-talba kienitx itbghatet lil-Transport Malta.

21.04.02 Wara diskussjoni dwar il-korrispondenza li tasal il-Kunsill, ġie deċiż li tali korrispondenza għandha tintbgħat lil kull Kunsillier fuq l-indirizz rispettiv tal-Gmail. Kien hemm qbil ukoll li meta jkun hemm bżonn li l-Uffiċċju jirċievi risposta lura, din għandha tintbgħat fi żmien 4 t'ijiem jekk ma jkunx hemm xi *deadline* qabel.

21.04.03 Rigward *item* 20.06.10, is-Sindku nforma li kien għadu jrid jagħmel talba lil *Infrastructure Malta* (IM).

21.05 **Korrispondenza**

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt


21.05.01 Ġiet ippreżentata l-*quotation* mingħand In Design għall-uniformijiet tax-Xitwa u tas-Sajf tal-impjegati klerikali. Din ġiet approvata unanimament. Gie deċiż ukoll li għandha ssir uniformi (2 *T-sh*irts + *2 sweaters* bil-*logo* u 2 qliezet/*shorts*) għat-tlett ħaddiema industrijali

21.05.02 Korrispondenza mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju fejn il-Kunsill intalab sabiex jirrikonoxxi fuq il-*media* soċjali l-fatt li s-Soċjeta' kienet ipprovdiet id-dawl kull meta ssir l-attivita tal-għoti tad-demm fil-Pjazza. Saret ukoll talba sabiex fil-futur ikun hemm ħlas għal servizz simili. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dawn it-talbiet.

21.05.03 Korrispondenza mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju fejn il-Kunsill intalab sabiex jgħin sabiex jinqala l-istellarju minn mal-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni li tinsab fi Triq Santa Katerina kantuniera ma' Triq is-Sejba, kif ukoll sabiex isir restawr tal-istess statwa. Filwaqt li kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu ħsieb jaqla' l-istellarju permezz tal-ħaddiema tiegħu fil-preżenza ta' uffiċjal mis-Soċjeta', ġie spjegat li għalissa l-Kunsill mhux f'pozizzjoni li jagħmel restawr għaliex ma nistgħux napplikaw għal fondi mill-Gal Xlokk peress li l-ewwel irid isir ir-restawr tan-niċċa fi Triq Santa Katerina. Saret ukoll talba sabiex jerġgħu isiru t-toqob madwar ir-*roundabout* tal-Mentna u s-Sindku nforma li dawn kienu ser isiru.

21.05.04 Korrispondenza mill-Fondazzjoni GAL Xlokk fejn wara talba min naħa tal-Kunsill, konna ġejna nfurmati li konna ksibna estensjoni sa Awissu 2021 sabiex jitlesta x-xogħol fuq ir-restawr tan-niċċa fi Triq Santa Katerina.

21.05.05 Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex il-Kunsill jinnomina bejn 3 u 5 personalitajiet sportivi sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jagħmlu riċerka dwarhom. Ġie deċiż li l-Kunsill jinnomina lil : Joe Bugeja (Demsey), Jimmy Briffa, George Busuttil u Maria Ghigo.

21.05.06 Ċirkulari Cir AKL 2020/21 mingħand l-AKL dwar President's Fun Walk 2020. Ġie unanimament deċiz li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-attivita'.

21.05.07 Korrispondenza mid-DGL rigward is-salarju tal-iskrivani fejn ġejna mgħarrfa li suppost l-iskrivana bdiet fuq it-3 *notch* ta' Skala 15 u mhux fuq l-1 *notch*. Is-S.E. informa li għal dan il-għan kien hemm bżonn li jsir aġġustament fis-salarju tal-iskrivana b'sena lura. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Rigward proposta mressqa mis-S.E. sabiex l-Uffiċjal Eżekuttiv tingħata promozzjoni, ġie deċiż li deċiżjoni dwar dan għandha tittieħed fil-laqgħa li jmiss wara li s-S.E. jippreżenta aktar dettalji.

21.05.08 Korrispondenza mingħand Rachel Ann Bowman sabiex ittella esebizzjoni tal-arti ġewwa l-lokalita' bejn Marzu u April 2021. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mas-Sinj. Bowman f'Jannar sabiex naraw kif ser ikunu iċ-ċirkostanzi dak in-nhar.

21.05.09 Korrispondenza mingħand Keith Vassallo sabiex jiżdiedu *Motor Cycle parking spaces* fi Triq il-Qattara. Ġie unanimament deċiż li nressqu talba f'dan is-sens lil-Transport Malta (TM).

21.05.10 Korrispondenza mingħand id-DGL dwar il-kuntratti tal-Ġbir tal-iSkart u tal-iSkart Goff. Ġie unanimament deċiż li ninfurmaw lid-Dipartiment illi peress li dawn il-kuntratti dalwaqt ser jiġu responsabbilta' tal-Kunsilli Reġjonali, ma jagħmilx sens li noħorġu l-kuntratti għal perjodu ta' ftit iktar minn sena.

21.05.11 Korrispondenza mingħand Studjurban dwar talba sabiex il-Kunsill iħallas depożitu ekwivalenti għal 30% tal-ispejjez relatati ma *Slow Streets*. Din it-talba ġiet approvata unanimament.

21.05.12 Korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar dwar il-Progett mużikali Kwarta Tajba. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jressaq il-proposta tiegħu u is-6 siti mitluba għandhom ikunu : biswit il-Kunsill Lokali, ir-Remissa, Soċjeta' tal-Ġilju, Kazin PN, Kazin PL, Soċjeta' Santa Marija.

21.05.13 Korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar dwar Skema ta' Għajnuna għal Tizjin tal-Milied fil-Lokalita' 2020. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill jipparteċipa billi jżejjen il-Pjazza tal-Knisja u Triq Karmenu Ciantar.

21.05.14 Korrispondenza mingħand Ability Publications Ltd. dwar il-possibilita' li l-Kunsill jerġa jibda jagħmel fuljett. Ġie unanimament deċiż li din l-offerta ma' tintlaqax.

21.05.15 Korrispondenza mingħand ESQR dwar *European Award for Best Practices 2020*. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill ma jippartecipax f'din l-inizjattiva.

21.05.16 Korrispondenza mingħand Annalise Duca dwar *Online Permit System*. Is-S.E. spjega li kienet saret preżentazzjoni lilu u lil i*staff* tal-Kunsill u jidher li hemm benefiċċji kemm għall-uffiċċju kif ukoll għar-residenti. Kien hemm qbil li għandha ssir preżentazzjoni għall-Kunsillieri qabel ma tittiehed deċiżjoni.

*Bi qbil bejn dawk preżenti, ġie deċiż li item numru 7 fuq l-Agenda tiġi diskussa qabel item numru 6.*

## 21.07 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri

21.07.01 Is-Sindku spjega li dwar it-talba li kelna sabiex issir bankina fi Triq il-Franka, din ma tistax issir għalissa qabel ma titwessgħa t-triq minħabba li t-triq hija dejqa wisq.

21.07.02 Is-Sindku nforma li huwa kellu laqgħa mas-CEO ta' *Infrastructure Malta* (IM) u waqt din il-laqgħa kien sar qbil li l-Kunsill m'għandux iħallas l-ispejjeż għall-asfaltar ta' Triq ix-Xatba l-Ħamra u Triq it-Torri Vincenti, liema toroq kienu saru fl-2019 u li l-kontijiet tagħhom konna rċivejniehom riċentament. Huwa żied jgħid li wara talba li huwa stess għamel, IM wiegħdu li jagħmlu wkoll Sqaq nru 5 fi Triq

il-Parroċċa u Triq Baskal Xuereb. Rigward Triq Giacomo Tortella, din ser issir mas-*side-roads*. Rigward il-kont, għal fini ta' kjarezza, il-Viċi-Sindku qalet illi fil-leġislatura li għaddiet meta personalment kienet għamlet it-talba lis-CEO ta' IM sabiex isiru dawn it-toroq, huwa kien qalilha li jista' jgħin iżda ma kienx setgħa jikkommetti ruħu li jsiru b'xejn għaliex il-budget kien spiċċalhom, iżda l-Kunsill ta' dak iż-żmien ħass li xorta waħda għandhom isiru minħabba l-istat tagħhom.

21.07.03 Is-Sindku nforma li x-xogħol fuq il-ġibjun il-ġdid kien wasal fi stadju avvanzat u beda jissaqqaf u għandu jitlesta qabel iż-żmien.

21.07.04 Rigward Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, s-Sindku spjega li kienu weħlu t-tabelli u saru r-*road markings*. Fejn kien hemm problemi bir-*road markings*, dawn kienu ser jitranġaw fil-ġranet li ġejjin.

21.07.05 Rigward il-proġett tal-*Green Infrastructure* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, s-Sindku nforma li s-siġar ser ikunu tħawwlu sa l-aħħar ta' Novembru.

21.07.06 Rigward il-proġett tal-Pjazza, s-Sindku nforma li x-xogħol wasal fl-aħħar u għandu jitlesta sat-30 ta' Ottubru u jekk ma jkunux tlesta, il-kuntrattur ser jibda jeħel il-penali. Kien hemm qbil li malli l-periti jinfurmawna li tal-linja jistgħu jibdew jgħaddu mill-Pjazza, għandna ninfurmaw lil-Transport Malta (TM). Is-Sindku spjega li wara *progress meeting* li hu ma kienx attenda għalih u li fih kien ġie deċiż li fejn sar xogħol ħażin kien ser jitranġa, kienu saru xi posts fuq FB u kien hemm anke mistoqsija parlamentari. F'dan il-punt il-Kunsillier Sciberras ċaħad kategorikament u b'mod assolut li la wara l-*progress meeting* u fl-ebda mument ieħor ma għadda l-ebda nformazzjoni a bażi tal-PQ ikkonċernata. Il-Kunsillier Dingli ukoll ċaħad li għadda xi nformazzjoni f'dan is-sens min naħa tiegħu. Rigward xi problemi fit-triq tan-nofs, kien hemm qbil li għandna nkellmu lill-kuntrattur sabiex dawn jitranġaw. Is-Sindku spjega li l-i*Street Furniture* tal-Pjazza ma kienux parti mit-*tender* oriġinali u li ghalhekk ma kienux ser isiru mill-Gvern Ċentrali. Fiċ-ċirkostanzi, ġie deċiż li jinġiebu l-*quotations* sabiex dawn isiru mill-Kunsill. Rigward il-*cables* mal-faccata tal-Kappella ta' Santa Katerina, s-Sindku spjega li dawn kellhom jitneħħew fil-ġranet li ġejjin.

21.07.07 Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex isir tindif tal-*culverts* fi Sqaq nru 2 fi Triq il-Parroċċa minħabba riħa ta' drenaġġ. Ġie deċiż li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

21.07.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk is-*Sleeping Policeman* li kien hemm fis-*side-roads* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kienux ser jerġgħu isiru. Ġie deċiż li deċiżjoni dwar dan tittieħed ladarba jitlesta l-proġett.

21.07.09 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk jistax isir ipparkjar viċin kantuniera fil-parti ta' fuq fi Triq il-Parroċċa. Ġie iċċarat li d-*double yellow lines* f'din il-parti kienu saru sabiex ikunu jistgħu joħorġu l-vetturi minn garaxx faċċata.

21.07.10 Il-Kunsillier Dingli talab sabiex isir *upgrading* ta' Ġnien Mikelang Sapiano. Ġie deċiż li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jibdew billi jżidu l-ħadid li hemm madwar il-partijiet bil-ħamrija.

21.07.11 Il-Kunsillier Dingli irrimarka dwar problema ta' *parking* fi Triq Kirkop kantuniera ma' Triq il-Katakombi. Ġie deċiż li nkellmu lil-Perit tal-Kunsill sabiex naraw x'jista jsir f'dan ir-rigward.

21.07.12 Il-Kunsill Dingli fakkar li l-ħajt madwar il-Ġnien tal-Ġilju kien għadu ma tranġax kif kien oriġinarjament, Ġie deċiż li nfakkru lil-Perit responsabbli mix-xogħol fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

21.07.13 Rigward Jum l-Imqabba 2020, l-Kunsillier Zaffarese nforma li Miss Mqabba kienet xtaqet li tattendi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

*Il-Kunsillieri Dingli u Sciberras ħarġu mil-laqgħa fit-7.45pm, minħabba mpenji oħra.*

21.07.14 Il-Viċi-Sindku nfurmat li ġiet avviċinata mill-Ministru Julia Farrugia Portelli sabiex jekk naċċettaw bħala Kunsill, hija permezz tal-Ministeru tat-Turiżmu kienet lesta li tgħin sabiex jiġi rranġat quddiem il-*fence* tar-*runway*, fejn qed jitpoġġew numru ta' *skips* li huma *eyesore* għal min jgħaddi mill-inħawi. Dwar din il-proposta kien hemm qbil unanimu u ġie deċiż li peress li l-akwati huma viċin il-*fence* tal-ajruport, għandna nġibu *No Objection* mill-MIA.

21.07.15 Il-Viċi-Sindku nfurmat li fil-ġranet li ġejjin konna ser niġu mistiedna sabiex naraw id-disinji għall-*upgrading* ta' Ġnien Onġi Onġella mill-Ministeru għat-Turiżmu.

21.07.16 Is-S.E. informa li l-Perit tal-Kunsill kienet infurmatna li l-sprall faċċata ta' *Daily Needs* f'Misraħ il-Fidwa ried isir minn Denfar peress li t-triq għadha taħt il-garanzija wara x-xogħol ta' asfaltar li kien sar.

21.07.17 Il-Viċi-Sindku għamlet referenza għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet, fejn ic-*Chief Officer Estate Management* qal, anke permezz ta' ritratt anness mal-ittra, li l-biċċa li ġiet magħluqa bil-ħadid quddiem il-grawnd tal-*football*, qed tiġi okkupata illegalment. Għaldaqstant ġie deċiż li s-Sindku u l-Kunsillier Sciberras għandhom ikellmu lill-Kumitat tal-Imqabba FC sabiex jiddiskutu magħhom din il-materja.

21.07.18 Ġie deċiż li l-Kunsill jagħti n-*No Objection* għat-talba sabiex il-Partit Laburista jħawwel siġra u jagħmel plakka kommemorattiva fl-għeluq il-100 sena mit-twaqqif tiegħu fi Ġnien Mikelanġ Sapiano.

21.07.19 Ġie deċiż li għandna nkellmu lil-Perit responsabbli mix-xogħlijiet fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija sabiex jitranġa sprall kantuniera ma' Triq il-Murselli li qed iċekċek.

21.07.20 Is-S.E. ġie mistoqsi jekk it-*Tender* għal manutenzjoni tal-Ġonna u *Soft Areas* li jkopri 7 ġonna kienx inħareġ. Dwar dan huwa kellu jiċċekja mad-D.S.E.

21.07.21 Ġie deċiz li tintbgħat ittra lir-resident li qed iħalli l-ilma tal-*air condition* ħiereġ fi Triq San Mikiel.

21.07.22 Ġie deċiz li jsiru *Business Cards* għall-Kunsillieri u s-S.E.

21.07.23 Ġie deciz li għandna naraw jekk nistgħux inwaqqfu l-*website* tal-Kunsill u tibqa tintuża biss dik ipprovduta mid-DGL.

21.07.24 Ġie deċiż li għandhom isiru *diaries* personalizzati għall-Kunsillieri u l-i*staff* amministrattiv.

21.06 **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 579**

21.06.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 579 u l-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Settembru 2020 ġew approvati unanimament.

21.08 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

21.08.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:15 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 24 ta' Novembru fis-6:00 pm

Konfermati illum it-Tlieta 24 ta' Novembru 2020.

Omar Farrugia
Sindku

Fabian Mizzi
Segretarju Eżekuttiv